# Ftehim ta’ Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Amministrattiva għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol

**Il-Kummissjoni Amministrattiva għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali**, rappreżentata għall-fini tal-iffirmar ta’ dan il-Ftehim ta’ Koperazzjoni **mill-President tal-Kummissjoni Amministrattiva**

**u**

**l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol**, rappreżentata għall-fini tal-iffirmar ta’ dan il-Ftehim ta’ Kooperazzjoni **mid-Direttur Eżekuttiv tagħha.**

Minn hawn ’il quddiem imsejħa individwalment bħala **“il-Parti”** jew kollettivament bħala **“il-Partijiet”**,

**Wara li kkunsidraw** ir-Regolament (UE) 2019/1149 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol (minn hawn ’il quddiem: ir-Regolament 2019/1149)[1] biex tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea fl-applikazzjoni u l-infurzar effettivi tagħhom tad-dritt tal-Unjoni relatat mal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol madwar l-Unjoni u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-Unjoni;

**Wara li kkunsidraw** l-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali (minn hawn ’il quddiem: ir-Regolament 883/2004)2, li bih il-Kummissjoni Amministrattiva għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali (minn hawn ’il quddiem: il-KA) hija responsabbli biex tittratta kwalunkwe kwistjoni amministrattiva jew mistoqsija ta’ interpretazzjoni li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet tar-“Regolamenti ta’ Koordinazzjoni”[3] jew kwalunkwe ftehim jew arranġament konkluż taħthom;

**Wara li kkunsidraw** l-Artikolu 13(11) tar-Regolament 2019/1149, fejn fil-qasam tal-medjazzjoni, il-KA u l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (minn hawn ’il quddiem: l-ELA) għandhom jistabbilixxu ftehim ta’ kooperazzjoni sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni tajba, jiġu kkoordinati l-attivitajiet fi ftehim reċiproku u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni f’każijiet ta’ medjazzjoni li jikkonċernaw kemm kwistjonijiet ta’ sigurtà soċjali kif ukoll tal-liġi tax-xogħol;

---

1 Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344.

2 Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta’ sistemi ta’ sigurtà soċjali.

3 Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, inklużi d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72 sa fejn dawn għadhom applikabbli, ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 859/2003 li jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72 għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti minn dawn ir-Regolamenti biss minħabba n-nazzjonalità tagħhom.

**Wara li kkunsidraw** l-Artikolu 14 tar-Regolament 2019/1149, li bih l-ELA għandha timmira fl-attivitajiet kollha tagħha li tiżgura l-kooperazzjoni, tevita d-duplikazzjoni, tippromwovi s-sinerġiji u l-komplementarjetà ma' aġenziji deċentralizzati oħra tal-Unjoni u korpi speċjalizzati, bħall-KA;

**Wara li kkunsidraw** l-Artikolu 74a tar-Regolament 883/2004, fejn, mingħajr preġudizzju għall-kompiti u l-attivitajiet tal-KA, l-ELA għandha tappoġġa l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-kompiti tagħha stabbiliti fir-Regolament 2019/1149 u ż-żewġ Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jiġu kkoordinati l-attivitajiet bi ftehim reċiproku u tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni. Għal dak il-għan, il-KA għandha tikkonkludi ftehim ta' kooperazzjoni mal-ELA;

**Wara li kkunsidraw** l-esperjenza twila tal-KA dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali;

**Billi l-ELA u l-KA** jeħtieġ li jikkooperaw mill-qrib fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali bil-għan li jinkisbu sinerġiji u tiġi evitata d-duplikazzjoni;

**Qablu kif ġej:**

## TITOLU I

## Dispożizzjonijiet Ġenerali

### Artikolu 1

### Għan, definizzjonijiet u prinċipji ġenerali

(1) L-għan ta' dan il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-KA u l-ELA (minn hawn 'il quddiem: il-Ftehim ta' Kooperazzjoni) huwa li jistabbilixxi qafas ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Għaldaqstant, għandu l-għan li jikkoordina l-attivitajiet u jevita kwalunkwe duplikazzjoni b'mod li jqis id-diviżjoni legali tal-kompetenzi bejn iż-żewġ Partijiet fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali.

(2) Għall-fini tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni, it-terminu "koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali" għandu jkollu t-tifsira mogħtija lilu mir-Regolamenti ta' Koordinazzjoni.

(3) Fl-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim ta' Kooperazzjoni, iż-żewġ Partijiet għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipji stabbiliti fir-Regolament 2019/1149 u fir-Regolamenti ta' Koordinazzjoni:

(a) Kif stipulat fir-Regolament 2019/1149, b'mod partikolari fl-Artikolu 1(2) tiegħu, l-ELA għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-applikazzjoni u l-infurzar effettivi tagħhom tal-liġi tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol tal-UE, u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-UE.

(b) Kif stabbilit fir-Regolament 883/2004, b'mod partikolari l-Artikolu 72 tiegħu, il-kompiti tal-KA jinkludu li tittratta l-kwistjonijiet amministrattivi u l-kwistjonijiet ta' interpretazzjoni kollha li jirriżultaw mir-Regolamenti ta' Koordinazzjoni, tiffaċilita l-applikazzjoni uniformi, trawwem u tiżviluppa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, u tinkoraġġixxi l-użu ta' teknoloġiji ġodda biex tiffaċilita l-moviment liberu tal-persuni.

(c) Mill-paragrafi (a) u (b) jirriżulta li l-ELA għandha tikkonsulta u, jekk meħtieġ, tirreferi lill-KA kull meta tindirizza kwistjonijiet koperti mill-Artikolu 72 tar-Regolament 883/2004.

(4) Fl-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim ta' Kooperazzjoni, l-ELA u l-KA jimpenjaw ruħhom għall-prinċipji ta' kooperazzjoni sinċiera u fiduċja reċiproka. Barra minn hekk, għandhom jiżguraw komunikazzjoni effettiva bejn xulxin. Meta ma tissemma l-ebda skadenza speċifika f'dan il-Ftehim ta' Koperazzjoni, il-partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex iwieġbu għall-mistoqsijiet li jinqalgħu minn waħda mill-Partijiet dwar kwistjonijiet relatati ma' dan il-Ftehim ta' Koperazzjoni f'perjodu ta' żmien raġonevoli u għandhom jimmiraw li jżommu lil xulxin infurmati f'każ ta' dewmien biex jipprovdu l-informazzjoni mitluba.

(5) Fil-kooperazzjoni tagħhom ma' xulxin, il-Partijiet għandhom jassistu lil xulxin, jaħdmu flimkien u jsaħħu lil xulxin, filwaqt li jirrispettaw il-kompetenzi msemmija fil-paragrafu (3).

## TITOLU II

## Dispożizzjonijiet orizzontali dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali

### Artikolu 2

### Kamp ta' applikazzjoni tal-kooperazzjoni

Mingħajr preġudizzju għat-Titolu III li jipprovdi għal proċeduri u miżuri speċifiċi f'każ ta' tilwim bejn l-Istati Membri, li jistgħu jkunu soġġetti għal medjazzjoni, dan it-Titolu jittratta l-aspetti kollha tal-kooperazzjoni orizzontali fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali bejn il-KA u l-ELA.

### Artikolu 3

### Informazzjoni reċiproka

Biex jiġi salvagwardjat l-aħjar mod ta' komunikazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, iż-żewġ Partijiet jaqblu dwar il-miżuri li ġejjin:

(a) Ir-rappreżentanti tal-ELA għandhom jiġu mistiedna għal-laqgħat tal-KA, tal-Gruppi ta' Ħidma tagħha u ta' kwalunkwe korp ieħor imwaqqaf mill-KA fil-kapaċità ta' parteċipant speċjali, kull meta jkun hemm kwistjonijiet fuq l-aġenda, li huma ta' rilevanza għall-mandat u l-attivitajiet tal-ELA, f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-KA.

(b) Ir-rappreżentanti tal-KA u tas-Segretarjat tagħha għandhom jiġu mistiedna għal-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija tal-ELA u ta' kwalunkwe korp ieħor imwaqqaf mill-ELA, kull meta jkun hemm kwistjonijiet fuq l-aġenda, li huma ta' rilevanza għall-mandat u l-attivitajiet tal-KA, f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-Bord tat-Tmexxija jew tal-korp rilevanti.

(c) Fuq talba ta' kwalunkwe Parti, laqgħat preparatorji qabel jew laqgħat ta' tagħrif wara l-laqgħat imsemmija taħt il-punti (a) u (b) għandhom jiġu organizzati mill-Parti li hija responsabbli għal-laqgħa.

(d) Kull meta approvat mill-Parti rispettiva, ir-rekords tal-proċedimenti jew il-minuti tal-laqgħat imsemmija taħt il-punti (a) u (b) għandhom jintbagħtu lill-Parti l-oħra għall-informazzjoni.

(e) Il-Partijiet jistgħu jipproponu li jorganizzaw sessjonijiet ta ħidma konġunti fuq bażi perjodika, biex jiddiskutu suġġetti speċifiċi ta' kooperazzjoni u interess komuni, u biex jiżguraw sinerġiji u komplementarjetà fl-attivitajiet tagħhom. L-aġenda ta' dawn is-sessjonijiet ta ħidma għandha tkun miftiehma b'mod komuni bejn il-Partijiet.

(f) Il-KA u l-ELA għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar il-programmi ta' ħidma annwali tagħhom hekk kif jiġu adottati mill-Parti rispettiva. Kwalunkwe Parti tista' tindika interess f'suġġetti u attivitajiet speċifiċi u, f'dan il-każ, iż-żewġ Partijiet għandhom jaqblu dwar modi kif jaħdmu b'mod komuni fuq dawn is-suġġetti u l-attivitajiet.

(g) Il-Partijiet jistgħu jaqblu li jniedu inizjattivi konġunti dwar suġġetti ta' interess komuni fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, bħal analiżi, programmi ta' taħriġ, studji, valutazzjoni tar-riskju, kwestjonarji, kampanji ta' informazzjoni, ġbir ta' *data* statistika, eċċ.

(h) Il-KA għandha tinforma lill-ELA dwar kwalunkwe deċiżjoni rilevanti li tieħu relatata mal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-Regolamenti ta' Koordinazzjoni. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli malli tittieħed id-deċiżjoni; fil-każ ta' Deċiżjonijiet, Rakkomandazzjonijiet jew Konklużjonijiet formali tal-KA, dawn għandhom isiru wara l-adozzjoni mill-KA, qabel ma jiġu ppubblikati fil-ĠUUE. It-testi rilevanti għandhom ikunu disponibbli permezz tal-punti uniċi ta' kuntatt imsemmija fl-Artikolu 5.

(i) L-ELA għandha tinforma lill-KA dwar kwalunkwe deċiżjoni rilevanti adottata mill-Bord ta' Tmexxija, meħuda dwar suġġetti li jaqgħu fl-ambitu tal-kooperazzjoni bejn il-KA u l-ELA hekk kif jittieħdu dawn id-deċiżjonijiet. It-testi rilevanti għandhom ikunu disponibbli permezz tal-punti uniċi ta' kuntatt imsemmija fl-Artikolu 5.

(j) Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, il-Parti li ssirilha t-talba għandha tittrażmetti kwalunkwe informazzjoni jew test ieħor, li jistgħu jkunu ta' interess għall-Parti l-oħra, u li ma jkun fihom ebda informazzjoni kunfidenzjali jew sensittiva.

(k) Iż-żewġ Partijiet jistgħu jaqblu dwar miżuri oħra mmirati lejn it-titjib tal-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali.

## Artikolu 4

## Repożitorju ta' informazzjoni rilevanti

(1) Il-Partijiet għandhom jaqblu flimkien dwar l-aħjar mod kif jaqsmu d-dokumenti bejniethom. Dan jista' jinkludi t-twaqqif ta' repożitorju diġitali li jkun fih id-dokumenti rilevanti kollha ta' interess komuni, li għandu jkun aċċessibbli miż-żewġ Partijiet.

(2) Kull Parti għandha tkun responsabbli li żżomm id-dokumenti tagħha aġġornati.

## Artikolu 5

## Kuntatt bejn il-Partijiet

(1) Il-kuntatti u l-komunikazzjoni bejn iż-żewġ Partijiet fl-aspetti kollha tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim ta' Kooperazzjoni għandhom isiru permezz ta' punti uniċi ta' kuntatt (SPOC) li jiġu kkomunikati mis-Segretarjati rispettivi tal-Partijiet. Dawn il-kuntatti għandhom jużaw

kemm jista' jkun mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni. Is-Segretarjati għandhom jikkomunikaw kif l-SPOC jista' jiġi kkuntattjat, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

(2) Il-Partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin immedjatament fil-każ ta' bidliet fl-SPOC.

(3) Kull Parti għandha tiddeċiedi kif torganizza l-SPOC tagħha. Madankollu, l-SPOC għandu jkun l-uniku punt ta' kuntatt bejn il-Partijiet.

## TITOLU III

## Kooperazzjoni fil-qasam tal-medjazzjoni meta tilwima tkun relatata, kompletament jew parzjalment, ma' kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali

### Kapitolu 1

### Informazzjoni mill-ELA lill-KA dwar tilwima relatata, kompletament jew parzjalment, ma' kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(11) tar-Regolament 2019/1149

#### Artikolu 6

#### Stadju li fih l-ELA għandha tinforma lill-KA

(1) Meta tilwima relatata, kompletament jew parzjalment, ma' kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, tiġi riferuta lill-ELA mill-Istati Membri kollha li huma parti għat-tilwima, l-ELA għandha tinforma lill-KA qabel il-bidu tal-ewwel stadju tal-proċedura ta' medjazzjoni. L-istess japplika f'każijiet fejn l-ELA tissuġġerixxi li tniedi proċedura ta' medjazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess, f'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-Regolament 2019/1149, u l-Istati Membri kollha li huma parti għat-tilwima jaqblu mal-parteċipazzjoni tagħhom.

(2) Jekk ir-riferiment imsemmi fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 ma jkunx wasal għand l-Istati Membri kollha li huma parti għat-tilwima, l-ELA għandha tikkuntattja lill-Istat(i) Membru/i li ma għamlux talba, biex jikkonfermaw jew le l-qbil tagħhom li jipparteċipaw fil-medjazzjoni. Ladarba l-Istati Membri kollha jikkonfermaw il-qbil tagħhom biex jipparteċipaw, l-ELA għandha tinforma lill-KA qabel il-bidu tal-ewwel stadju tal-proċedura ta' medjazzjoni. Meta Stat Membru wieħed jew aktar jiddeċiedu li ma jipparteċipawx fil-medjazzjoni, l-ELA ma tnedix l-ewwel stadju tal-medjazzjoni, u l-ELA m'għandhiex tinforma lill-KA.

(3) L-ELA għandha tinforma wkoll lill-KA fi kwalunkwe stadju wara li titnieda l-proċedura ta' medjazzjoni, jekk jiddaħħlu fit-tilwima elementi ġodda li jikkonċernaw is-sigurtà soċjali u li inizjalment ma kinux evidenti jew dokumentati. F'każijiet ta' dubji dwar jekk tilwima tirrelatax, kompletament jew parzjalment, ma' kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, l-ELA u l-KA għandhom jiddeċiedu bi qbil komuni.

(4) Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi (1)-(3), l-ELA m'għandhiex tniedi jew għandha tissospendi l-proċedura min-naħa li tirrelata ma' kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali sakemm il-KA tipprovdi lill-ELA bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk titlobx ir-riferiment tat-tilwima f'konformità mal-Artikolu 8.

## Artikolu 7

## Modalitajiet biex tingħata l-informazzjoni

(1) Skont l-Artikolu 6, meta tinforma lill-KA, l-ELA għandha tittrażmetti d-dikjarazzjoni dettaljata msemmija fir-Regoli ta' Proċedura għall-medjazzjoni tal-ELA u fejn applikabbli, kwalunkwe dokumentazzjoni oħra li tikkonċerna l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali ppreżentata mill-Istati Membri lill-ELA. Il-KA tista' titlob informazzjoni addizzjonali direttament mill-Istati Membri kkonċernati, inkluż permezz tad-delegazzjonijiet nazzjonali tagħhom fil-KA. L-informazzjoni kollha li tasal b'dak il-mod għandha tintbagħat lill-ELA, jekk il-proċess ta' medjazzjoni jkompli hemmhekk.

(2) Jekk it-tilwima tkun relatata, kompletament jew parzjalment, ma' kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, l-ELA għandha tinforma lill-Istati Membri kollha li huma parti għat-tilwima li d-dikjarazzjoni dettaljata se tiġi riferuta lill-KA. Informazzjoni inkluża fid-dikjarazzjoni dettaljata li ma tirrelatax mal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali m'għandhiex tiġi riferuta lill-KA.

(3) Ladarba jiġi stabbilit, il-KA għandha tingħata aċċess għar-rekord tat-tilwim imsemmi fir-Regoli ta' Proċedura għall-medjazzjoni tal-ELA. Dan l-aċċess għandu jikkonċerna biss tilwim, jew partijiet minnu, li jirrelata kompletament jew parzjalment, ma' kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali.

## Kapitolu 2

## Riferiment ta' tilwima lill-KA, fuq talba tal-KA f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(11) tar-Regolament 2019/1149

## Artikolu 8

## Skadenza u stadju li fihom issir talba għal riferiment lill-KA

(1) Il-KA tista' titlob ir-riferiment ta' tilwima qabel il-bidu tal-ewwel stadju tal-proċedura ta' medjazzjoni, kif previst fl-Artikolu 6(1), u fi kwalunkwe stadju ieħor matul il-proċedura meta tiġi infurmata mill-ELA skont l-Artikolu 6(3). Skont l-Artikolu 13(11) tar-Regolament 2019/1149, tali riferiment għandu jkun soġġett għall-qbil tal-Istati Membri kollha li huma parti għat-tilwima.

(2) Fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-informazzjoni rilevanti mill-ELA kif previst fl-Artikolu 7(1), il-KA għandha tinforma lill-ELA dwar jekk:

(a) hux qed titlob lill-ELA biex tirreferi t-tilwima dwar is-sigurtà soċjali lill-KA, flimkien ma' ġustifikazzjoni u dikjarazzjoni li tiddikjara l-qbil tal-Istati Membri kollha li huma parti għat-tilwima biex jirreferu t-tilwima relatata mas-sigurtà soċjali lill-KA; u

(b) it-tilwima tikkonċernax kwistjoni ta' interpretazzjoni ġdida tar-Regolamenti ta' Koordinazzjoni li ma ġietx ittrattata b'mod konklużiv la mill-KA, u lanqas minn kwalunkwe istituzzjoni bħall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew kwalunkwe korp speċjalizzat ieħor fdat mid-dritt tal-Unjoni biex jipprovdi tali interpretazzjonijiet, u għalhekk taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-KA li tittratta tali kwistjoni f'konformità mal-Artikolu 72 tar-Regolament 883/2004.

(3) L-ELA għandha tinforma lill-Istati Membri parti għat-tilwima bid-deċiżjoni tal-KA.

(4) F'każijiet fejn, fl-iskadenza stipulata fil-paragrafu (2), il-KA tinforma lill-ELA li mhix qed titlob ir-riferiment tat-tilwima, l-ELA għandha tipproċedi bit-tnedija tal-proċedura ta' medjazzjoni f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura għall-medjazzjoni tal-ELA.

(5) F'każijiet fejn, fl-iskadenza stipulata fil-paragrafu (2), il-KA ma tinformax lill-ELA dwar jekk tirreferix it-tilwima jew le, il-proċedura għandha tiġi sospiża, u l-ELA għandha tinforma lill-Istati Membri parti għat-tilwima kif xieraq. F'każ bħal dan, l-ELA m'għandhiex tniedi l-proċedura ta' medjazzjoni qabel ma l-KA tikkonferma d-deċiżjoni tagħha dwar il-kwistjoni stipulata fil-paragrafu (2)(b). Il-KA għandha tagħmel ħilitha biex tinforma lill-ELA fi żmien l-iskadenza dwar jekk it-tilwima tistax tiddependi fuq interpretazzjonijiet li jkunu diġà ġew ipprovduti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew minn kwalunkwe korp speċjalizzat ieħor fdat mid-dritt tal-Unjoni biex jipprovdi tali interpretazzjonijiet, bħall-KA. Jekk dan ikun il-każ, l-ELA għandha tipproċedi bit-tnedija tal-proċedura ta' medjazzjoni.

(6) Skont il-paragrafu (5), jekk il-KA tikkonferma li t-tilwima teħtieġ interpretazzjoni ġdida tar-Regolamenti ta' Koordinazzjoni, u l-KA ma tagħmel l-ebda talba għar-riferiment tat-tilwima fi żmien l-iskadenza, l-ELA m'għandhiex tniedi l-proċedura ta' medjazzjoni tagħha sakemm ma tirċevix id-deċiżjoni tal-KA dwar din il-kwistjoni. L-ELA għandha tinforma lill-Istati Membri parti għat-tilwima kif xieraq u tirrakkomanda li jistgħu jirreferu l-każ lill-KA biex jindirizzaw din il-kwistjoni legali speċifika qabel ma tkun tista' titnieda l-proċedura ta' medjazzjoni tal-ELA.

(7) Jekk il-proċedura ta' medjazzjoni tal-ELA tkun ġiet imnedija skont il-paragrafi (4) u (5), u jekk ma jiddaħħlux fit-tilwima elementi ġodda li jikkonċernaw is-sigurtà soċjali, minbarra dawk li kienu inizjalment evidenti u dokumentati, u li ġew ikkomunikati lill-KA, il-KA m'għandhiex titlob lill-ELA biex tirreferi t-tilwima wara. F'każijiet bħal dawn it-tilwima għandha tkompli tiġi medjata mill-ELA, sakemm ma tirċevix talba minn kwalunkwe Stat Membru li huwa parti għat-tilwima f'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 13(11) tar-Regolament 2019/1149.

## Kapitolu 3

## Riferiment ta' tilwima lill-KA, fuq talba ta' kwalunkwe Stat Membru li huwa parti għat-tilwima f'konformità mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 13(11) tar-Regolament 2019/1149

### Artikolu 9

### Talba ta' kwalunkwe Stat Membru

(1) Kwalunkwe Stat Membru parti għat-tilwima jista' jitlob, fi kwalunkwe stadju tal-medjazzjoni, biex jirreferi l-kwistjoni dwar is-sigurtà soċjali lill-KA. Meta tirċievi tali talba, l-ELA m'għandhiex tniedi, jew fil-każ li l-proċedura ta' medjazzjoni tkun diġà ġiet imnedija, għandha tissospendi l-proċedura li tikkonċerna s-sigurtà soċjali. L-ELA għandha tirreferi l-kwistjoni dwar is-sigurtà soċjali lill-KA f'konformità mal-Artikolu 7, inkluża d-dikjarazzjoni dettaljata u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra. Jekk applikabbli, l-ELA għandha tniedi jew tkompli l-proċedura ta' medjazzjoni tagħha biss dwar kwistjonijiet li ma jikkonċernawx is-sigurtà soċjali. L-ELA għandha tinforma lill-Istati Membri parti għat-tilwima kif xieraq.

(2) Malli tirċievi r-riferiment f'konformità mal-paragrafu (1), il-KA għandha tittratta l-kwistjoni f'konformità mar-regoli tagħha stess. Jekk il-KA tkun tal-opinjoni li l-proċedura ta' medjazzjoni tal-ELA hija aktar adattata, minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, biex tittratta t-

tilwima, il-KA tista' tirrakkomanda lill-Istati Membri kkonċernati biex jirreferu t-tilwima lura lill-ELA.

### Artikolu 10

### Nuqqas ta' qbil minn kwalunkwe Stat Membru parti għat-tilwima li l-kwistjoni dwar is-sigurtà soċjali tiġi riferuta lill-KA

(1) Jekk xi wieħed mill-Istati Membri parti għat-tilwima ma jaqbilx li jirreferi l-kwistjoni dwar is-sigurtà soċjali lill-KA, l-ELA u l-KA għandhom jivvalutaw il-każ u jaqblu dwar rakkomandazzjoni konġunta mhux vinkolanti lill-Istati Membri kkonċernati, li tindika liema korp jista' jkun aktar effettiv biex jittratta t-tilwima, u filwaqt li tqis il-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 1.

(2) Jekk wara li jirċievu r-rakkomandazzjoni konġunta mhux vinkolanti, għad ma jkun hemm l-ebda ftehim komuni bejn l-Istati Membri dwar lil liema korp għandu jiġi riferut il-każ, u fid-dawl li kemm il-medjazzjoni kif ukoll il-konċiljazzjoni huma proċess volontarju, il-mistoqsija astratta wara l-każ għandha tibqa' mal-KA li għandha tittratta l-kwistjoni f'konformità mar-regoli tagħha stess.

## Kapitolu 4

## Sitwazzjonijiet fejn titressaq tilwima lill-ELA u lill-KA

### Artikolu 11

### Għażliet ta' riżoluzzjoni tat-tilwim

(1) Fil-prinċipju, l-Istati Membri li huma parti għal tilwima relatata, kompletament jew parzjalment, ma' kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali jistgħu jagħżlu li jressqu t-tilwima tagħhom lill-ELA jew lill-KA. Għandu jiġi evitat l-użu simultanju kemm tal-proċedura ta' medjazzjoni tal-ELA kif ukoll tal-proċedura ta' konċiljazzjoni tal-KA biex jinstema' l-istess każ identiku.

(2)

(3) Jekk tinqala' sitwazzjoni bħal din, l-ELA u l-KA għandhom jivvalutaw il-każ u jaqblu dwar rakkomandazzjoni konġunta mhux vinkolanti lill-Istati Membri kkonċernati, li tindika liema korp jista' jkun aktar effettiv biex jittratta t-tilwima, u filwaqt li tqis il-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 1.

(4) Jekk wara li jirċievu r-rakkomandazzjoni konġunta mhux vinkolanti kif imsemmi skont il-paragrafu (2), għad ma jkun hemm l-ebda ftehim komuni bejn l-Istati Membri dwar lil liema korp għandu jiġi riferut il-każ, u fid-dawl li kemm il-medjazzjoni kif ukoll il-konċiljazzjoni huma proċess volontarju, il-każ għandu jibqa' mal-KA li għandha tittratta l-kwistjoni f'konformità mar-regoli tagħha stess.

## Artikolu 12

## Inammissibbiltà ta’ konċiljazzjoni jew medjazzjoni f’każ, li kien is-suġġett ta’ opinjoni mhux vinkolanti jew mill-KA jew inkella mill-ELA

(1) Fil-prinċipju, tilwim ipproċessat mill-ELA jew mill-KA bl-adozzjoni ta’ opinjoni mhux vinkolanti m’għandux ikun ammissibbli taħt proċedura ta’ soluzzjoni tat-tilwim tal-Parti l-oħra. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss għall-istess każijiet jew l-istess aspetti ta’ każ.

(2) Fi tmiem il-proċedura ta’ medjazzjoni/konċiljazzjoni, il-Parti l-oħra għandha tiġi infurmata bir-riżultat tagħha.

# TITOLU IV

# Dispożizzjonijiet Finali

## Artikolu 13

## Evalwazzjoni tal-kooperazzjoni

Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jivvalutaw fuq il-bażi tal-ħtiġijiet il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta’ dan il-Ftehim ta’ Kooperazzjoni u, jekk ikun xieraq, jiddiskutu l-possibbiltà ta’ aktar attivitajiet ta’ kooperazzjoni u emendi ta’ dan il-Ftehim ta’ Kooperazzjoni.

## Artikolu 14

## Soluzzjoni ta’ tilwim

It-tilwim kollu, li jista’ jitfaċċa b’rabta mal-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta’ dan l-Arranġament ta’ Kooperazzjoni, għandu jiġi solvut permezz ta’ konsultazzjonijiet u negozjati bejn il-Partijiet.

## Artikolu 15

## Emendi u supplimenti

(1) Dan il-Ftehim ta’ Kooperazzjoni jista’ jiġi emendat fi kwalunkwe ħin b’kunsens reċiproku bejn il-Partijiet. L-emendi u s-supplimenti kollha jridu jkunu bil-miktub.

(2) Il-Ftehim ta’ Kooperazzjoni emendat se jidħol fis-seħħ fil-jum miftiehem miż-żewġ Partijiet.

## Artikolu 16

## Dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim ta' Kooperazzjoni għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sitt xahar wara l-iffirmar tiegħu mill-ELA u mill-KA, liema minnhom iseħħ aktar tard.

| | |
|---|---|
| Għall-Kummissjoni Amministrattiva għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali: | Għall-Awtorità Ewropea tax-Xogħol:<br><br>(firma elettronika) |
| GRETA METKA BARBO ŠKERBINC | MARIUS-COSMIN BOIANGIU |
| PRESIDENT TAL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA | DIRETTUR EŻEKUTTIV |
| Data: | |